

II

(Atti mhux legiſlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 790/2010

tas-7 ta' Settembru 2010

li jemenda l-Annessi VII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni sottoparagrafi tal-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jippreskrivi regoli dwar is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika li jikkonċernaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

(2) L-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament jistipula li l-proteina pproċessata tal-annimali u prodotti pproċessati oħrajn li jistgħu jintużaw bħala għalf għandhom jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti. F'dan ir-rigward, l-Anness VII għar-Regolament jistipula l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti.

(3) Barra minn hekk, l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistipula li l-importazzjoni, u t-traġitt fl-Unjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness VII huwa permess biss jekk dawn il-prodotti jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti. Wieħed fost dawn ir-rekwiżiti jirrikjedi li l-prodotti jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew partijiet minn pajjiżi terzi li se jidhru fl-lista li għandha tiġi kkompilata u aġġornata skont il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu, ħlief fejn jistipula mod ieħor l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

(4) Il-kolostru huwa għalf ta' oriġini mill-annimali, skont it-tifsira tad-definizzjoni stipulata fil-punt 23 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

(5) It-Taqsim A tal-Kapitolu V tal-Anness VII tar-Regolament ma jistipula ebda rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni tal-kolostru jew għall-prodotti tal-kolostru. Din it-Taqsim a tistipula biss il-prinċipju ġenerali li jeħtieġ li l-kolostru jkun prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu b'mod xieraq is-saħħa tal-annimali.

(6) Barra minn hekk, it-Taqsim B tal-Kapitolu V tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ma jistipulax rekwiżiti speċifiċi għall-importazzjoni tal-kolostru u l-prodotti tal-kolostru, u l-Kummissjoni ma kkompilatx lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi li minnhom hija aċċettata l-importazzjoni tal-kolostru. Għaldaqstant, l-importazzjoni tal-kolostru jew tal-prodotti tal-kolostru fl-Unjoni Ewropea bħalissa mhijiex awtorizzata.

(7) Hemm interess li jiġu importati l-kolostru u l-prodotti tal-kolostru fl-Unjoni, biex jintużaw għall-għalf tal-annimali mrobbija fl-irziezet u għall-użu tekniku. Għadd ta' operaturi ekonomiċi wrew l-interess tagħhom fl-użu tal-kolostru u l-prodotti tiegħu għall-produzzjoni tal-għalf u għall-użu tekniku.

(8) Din id-domanda tal-operaturi ekonomiċi għandha tiġi sodisfatta u għalhekk għandhom jiġu stipulati r-regoli għall-importazzjoni ta' dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali. B'danakollu, il-kolostru huwa prodott sekondarju mill-annimali li jista' jkun ta' periklu għall-annimali suxxettibbli għat-trażmissjoni ta' ċertu mard bħal dik tal-ilsien u tad-dwiefer, it-tuberkulożi, il-bruċellożi u l-lewkożi enzootika bovina. Għalhekk, biex tkun iggarantita s-saħħa tal-annimali, l-importazzjoni tal-kolostru u tal-prodotti tiegħu għandha tkun suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

(¹) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.

- (9) Skont l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-prodotti msemmija fl-Annessi VII għal dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu aktar favorevoli jew inqas favorevoli minn dawk applikabbli għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni. Ir-rekwiżiti speċifiċi li huma stipulati għall-importazzjoni tax-xorrox u l-kolostru jew tal-prodotti tal-kolostru għaldaqstant għandhom japplikaw ukoll għall-produzzjoni u għat-tqegħid fis-suq ġewwa l-Unjoni ta' dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali.
- (10) L-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar il-perikli għas-saħħa tal-annimali li jintgħalfu bi prodotti tal-ħalib li jkunu lesti għall-użu, mingħajr iżjed trattament ⁽¹⁾, li ġiet adottata fid-29 ta' Marzu 2006, ikkonfermat li għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi tal-iġjene u tat-trattament tal-ħalib u l-prodotti tiegħu biex jillimitaw ir-riskju tat-trażmissjoni ta' mard infettiv, speċjalment permezz tal-għalf bil-ħalib jew bil-prodotti tiegħu lil annimali ta' speċijiet li huma suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u tad-dwiefer. Minħabba nuqqas ta' dejta xjentifika xierqa, din l-imsemmija opinjoni ma tirrakkomanda ebda trattament li jista' joffri l-garanziji meħtieġa li l-patoġeni kkunsidrati huma effettivament inattivati fil-kolostru filwaqt li jkunu ppreżervati fih l-antikorpi.
- (11) Fin-nuqqas ta' trattamenti approvati, u biex ma jiġu trażmessi ebda mardiet tal-annimali permezz tal-kolostru u l-prodotti tiegħu, jixraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tas-saħħa msejsa fuq il-garanziji mill-post tal-orijini, għal dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali.
- (12) B'mod partikolari, fejn jirrigwarda li tiġi evitata l-marda tal-ilsien u tad-dwiefer, il-kolostru u l-prodotti tiegħu iridu jittieħdu minn annimali li huma ħielsa minn din il-marda u li mhumix friskju li jeħduha. L-importazzjoni tal-kolostru u tal-prodotti tiegħu għalhekk għandhom ikunu limitati għall-kolostru bovin u l-prodotti tiegħu minn pajjiżi li huma approvati għall-importazzjoni ta' ħalib mhux ittrattat. L-importazzjoni tal-kolostru u l-prodotti tal-kolostru għandhom ikunu limitati għall-kolostru bovin u l-prodotti tiegħu minn pajjiżi fejn ir-riskju li tittieħed il-marda tal-ilsien u tad-dwiefer huwa limitat.
- (13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE tad-29 ta' April 2004 li tippreskrivi kondizzjonijiet ta' ċertifikazzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali u saħħa pubblika u veterinarji għad-dħul fil-Komunità ta' ħalib trattat bis-sħana, prodotti bbażati fuq il-ħalib u ħalib mhux maħdum maħsuba għall-konsum mill-bniedem ⁽²⁾ tistipula li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti bbażati fuq il-ħalib mhux ipproċessat minn pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna A tal-Anness I tagħha biss. Il-lista ta' pajjiżi terzi li minnha għandha tkun awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni tal-kolostru u l-prodotti tal-kolostru għandha għalhekk tkun l-istess bħal-lista ta' pajjiżi terzi stipulata fil-kolonna A tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/438/KE. Il-Kapitolu V tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għandu għalhekk jirreferi għal dik il-lista.
- (14) Għandu jitqies ukoll l-istat ta' saħħa tal-imrieħel li minnhom jittieħdu l-kolostru u l-prodotti tal-kolostru fir-rigward tat-tuberkulożi bovina, tal-bruċellożi bovina u tal-lewkożi enzootika bovina, speċjalment fil-każ li dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali jkunu maħsuba għall-għalf tal-annimali jew għall-produzzjoni ta' ċerti prodotti tekniċi. L-imrieħel li minnhom jittieħdu l-kolostru u l-prodotti tal-kolostru għalhekk jridu jkunu ħielsa minn dawn il-mardiet.
- (15) Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ⁽³⁾ tapplika għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni ta' annimali bovini u tistipula d-dispożizzjonijiet għall-għarfien ta' mrieħel li huma ħielsa mill-mard. Hija tistabbilixxi d-definizzjonijiet ta' merħliet bovini li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi u uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina. Għalhekk ir-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq u għall-importazzjoni tal-kolostru u tal-prodotti tal-kolostru għandhom iqisu dawn id-definizzjonijiet.
- (16) Il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru jridu jkunu ngħataw trattament primarju b'temperatura għolja fuq medda ta' żmien qasir biex jiġu ppriżervati. Barra minn hekk, it-tqegħid fis-suq, inkluża l-importazzjoni, ta' dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali għandu jkun permess biss jekk dawn joriġinaw minn annimali li ma juru ebda sinjali kliniċi ta' xi mard li jista' jittieħed min-nies jew mill-annimali permess tal-kolostru. Il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru għalhekk iridu jittieħdu minn annimali bovini li jkunu miżmumin f'żoni li dwarhom tista' tingħata l-garanzija li ma kienx hemm tfaqqiegħ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer għal mill-inqas perjodu wieħed ta' inkubazzjoni ta' 21 jum wara li jinġabar il-kolostru u qabel ma jitqiegħdu fis-suq fl-Istati Membri dan il-kolostru jew il-prodotti tiegħu.
- (17) It-Taqsima A tal-Kapitolu V tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tistipula li x-xorrox li se jingħata lil annimali ta' speċijiet li huma suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u tad-dwiefer, u li nkiseb minn ħalib li sarulu t-trattamenti skont ir-regoli stipulati hemmhekk, irid jinġabar għallinqas 16-il siegħa wara li l-ħalib ikun għaqad u l-pH tiegħu għandu jiġi rrappurtat li huwa inqas minn 6,0 qabel jiġi ttrasportat lejn l-istabbilimenti tal-annimali.
- (18) Il-Kapitolu 2 tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistabbilixxi mudell wieħed ta' ċertifikat tas-saħħa għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li mhumix maħsuba għall-konsum mill-bniedem, li joriġinaw minn pajjiżi terzi biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha. Dan il-mudell taċ-ċertifikat għandu jiġi emendat biex jinkludi wkoll il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru, kif ukoll biex jirrifletti r-regoli l-ġodda dwar ix-xorrox.

⁽¹⁾ Il-Ġurnal tal-EFSA (2006) 347, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72.

⁽³⁾ ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

(19) L-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali li ma jkunux maħsuba għall-konsum mill-bniedem. It-Taqsima I ta' dan l-Anness għandu jiġi emendat biex iqis ir-regoli għall-importazzjoni tal-kolostru u tal-prodotti tal-kolostru.

(20) Il-Kamerun applika għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-apikultura. Il-Kamerun huwa diġà awtorizzat għall-importazzjoni tal-għasel għall-konsum mill-bniedem. It-Taqsima XII tal-Anness XI għandha tiġi emendata kif xieraq u l-Kamerun għandu jiġi awtorizzat għall-importazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-apikultura.

(21) L-Annessi VII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(22) Għandu jingħata perjodu ta' tranżizzjoni wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, biex il-partijiet interessati kollha jkollhom iż-żmien li jikkonformaw mar-regoli l-ġodda u biex jagħti ċans li l-prodotti sekondarji mill-annimali kkonċernati jibqgħu jiġu importati fl-Unjoni Ewropea, kif hemm stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, qabel l-emendi introdotti b'dan ir-Regolament.

(23) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-konsenji ta' ħalib u ta' prodotti tal-ħalib li mhumex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, li jkollom magħhom ċertifikat tas-saħħa mimli u ffirmat skont il-mudell rilevanti li jidher fil-Kapitolu 2 tal-Anness X għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, se jibqgħu jkunu aċċettati għall-importazzjoni fl-Unjoni sat-30 ta' Settembru 2010, fil-każi fejn dawn iċ-ċertifikati ġew mimlija u ffirmati qabel il-31 ta' Awwissu 2010.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Annessi VII, X u XI għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness VII, il-Kapitolu V huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura għandha tinbidel b'dan li ġej:

"KAPITOLU V

Ħtiġijiet speċifiċi għall-ħalib, għall-prodotti bbażati fuq il-ħalib, għall-kolostru u l-prodotti tal-kolostru"

(b) It-Taqsima A hija emendata kif ġej:

(i) il-Paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ix-xorrox li hu maħsub għall-għalf ta' annimali ta' speċi li huma soxxettibbli għall-marda tal-ilsien u tad-dwiefer u li hu magħmul minn ħalib li għe ttrattat skont il-Paragrafu 1 irid:

(a) jew jinġabar mill-inqas 16-il siegħa wara li jkun għaqad il-ħalib, u l-pH tiegħu jrid ikun irreġistrat li hu inqas minn 6,0 qabel ma jkun ittrasportat lejn l-istabbilimenti tal-annimali; jew

(b) ikun magħmul mill-inqas 21 jum qabel ma jintbagħat u matul dan il-perjodu ma jrid ikun hemm ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fl-Istat Membru minn fejn ikun oriġina."

(ii) Għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru jridu:

6.1. jittieħdu minn annimali bovini li huma miżmuma fi stabbilitment fejn l-imrieħel kollha bovini jkunu identifikati li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi u uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2)(d), (f) u (j) tad-Direttiva 64/432/KEE;

6.2. ikun magħmul mill-inqas 21 jum qabel ma jintbagħat u matul dan il-perjodu ma jrid ikun hemm ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fl-Istat Membru minn fejn ikun oriġina.

6.3. jkunu għaddew minn trattament wieħed HTST (*);

6.4. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4;

(*) HTST = (High Temperature Short Time Pasteurisation) Pastorizzazzjoni f'temperatura għolja 72 °C għal ħin qasir għal minimu ta' 15-il sekonda jew effett ekwivalenti ta' pastorizzazzjoni li jikseb reazzjoni negattiva fit-test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar."

(c) It-Taqsima B tiġi emendata kif ġej:

(i) il-Paragrafu 1.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.1. ġejjin minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista fit-Taqsima I(A) tal-Anness XI,"

(ii) il-Paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-Paragrafu 1.4, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib minn pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati għal dan fil-Kolonna 'A' tal-Anness I għad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/438/KE (*) sakemm il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ikun sarilhom trattament wieħed HTST u:

(a) ma jkunux intbagħtu qabel ma jkunu għaddew mill-inqas 21 jum mill-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiżi terzi li jkun esportahom; jew

(b) iridu jkunu ġew ippreżentati fil-post tal-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera tal-UE mill-inqas 21 jum wara l-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiżi terzi li jkun esportahom.

(*) ĠU L 154, 30.4.2004, p. 72."

(iii) għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-kolostru jew tal-prodotti tal-kolostru tal-annimali bovini sakemm:

2a.1. ikunu minn pajjiżi terzi li jidhru fil-lista fit-Taqsima I(B) tal-Anness XI;

2a.2. jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1.2 u 1.3;

2a.3. ikun sarilhom trattament wieħed HTST (*) u:

(a) ma jkunux intbagħtu qabel ma jkunu għaddew mill-inqas 21 jum mill-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiżi terzi li jkun esportahom; jew

(b) iridu jkunu ġew ippreżentati fil-post tal-Ispazzjoni fuq il-Fruntiera tal-UE mill-inqas 21 jum wara l-produzzjoni u matul dan il-perjodu ma jrid ikun instab ebda każ tal-marda tal-ilsien u tad-dwiefer fil-pajjiżi terzi li jkun esportahom.

2a.4. ikunu ttieħdu minn annimali bovini li kienu suġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex ikun żgurat li l-annimali jkunu ġejjin minn stabbilimenti fejn l-imrieħel bovini kollha huma:

(a) jew uffiċjalment identifikati li huma ħielsa mit-tuberkulożi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2)(d) u (f) tad-Direttiva 64/432/KEE jew mhux ristretti, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi terzi li minnu jkun oriġina l-kolostru, rigward l-eradikazzjoni tat-tuberkulożi u l-bruċellożi; u

(b) jew identifikati li huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enzootika bovina skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva 64/432/KEE, jew inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkożi enzootika bovina u li wara l-eżamijiet kliniċi u fil-laboratorju li jkunu saru matul l-aħħar sentejn ma jkun hemm ebda sinjal ta' lewkożi enzootika bovina;

2a.5. wara t-tlestija tal-ipproċessar, tkun ittieħdet kull prekawżjoni biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-kolostru jew tal-prodotti tal-kolostru;

2a.6. il-prodott finali jrid ikun tikkettat b'tali mod li jindika li fih materjal tal-Kategorija 3 u li mhux maħsub għal konsum mill-bniedem, u li:

(a) huwa ppakkjat f'kontenituri ġodda, jew

(b) ġie ttrasportat bl-ingrossa f'kontejners jew mezzi oħrajn tat-trasport li qabel l-użu kienu mnaddfa u ddiżinfettati bl-akbar reqqa b'diżinfettant approvat għal dan l-użu mill-awtorità kompetenti.

(*) HTST =

(High Temperature Short Time Pasteurisation) Pastorizzazzjoni f'temperatura għolja 72 °C għal ħin qasir għal minimu ta' 15-il sekonda jew effett ekwivalenti ta' pastorizzazzjoni li jikseb reazzjoni negattiva fit-test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar.”

(2) Fl-Anness X, il-Kapitolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 2

Ċertifikat tas-saħħa

Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, għall-kolostru u l-prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem biex jintbagħtu lejn l-Unjoni Ewropea jew biex jgħaddu minnha ()*

PAJJIŻ:

Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza		I.2.a.	
			I.3. Awtorità ċentrali kompetenti			
			I.4. Awtorità lokali kompetenti			
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.			
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO
					I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Pajjiż ta' oriġini Isem Indirizz		Numru ta' approvazzjoni		I.12. Post ta' destinazzjoni Maħżen tad-dwana ☐ Isem Indirizz Kodiċi Postali	
	I.13. Post ta' tgħabija		I.14. Data ta' tluq			
	I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi Dokumentarji:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17. Numru/i tas-CITES			
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)	
				I.20. Kwantità		
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐				I.22. Numru ta' pakketti		
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur				I.24. Tip ta' ippakkettar		
I.25. Prodotti ċertifikati Ikel tal-annimali ☐ Aktar ipproċessar ☐ Użu tekniku ☐ Oħrajn ☐						
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐ 3rd country ISO code			I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi Numru ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura Piż nett Numru tal-baċé						

(*) Ħassar skont il-każ.

PAJJIŻ

Il-ħalib, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru u l- prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall- konsum mill-bniedem

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
	Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ⁽¹⁾ , u b' mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Kapitolu V tal-Anness VII għalih, u niċċertifika li l-ħalib ⁽²⁾ , il- prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ il-kolostru ⁽²⁾ jew il-prodotti tal-kolostru ⁽²⁾ li hemm referenza għalihom fil-kaxxa I.28 jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:		
II.1.	ġew prodotti u oriġinaw fi (niżżel l-isem tal-pajjiż esportatur) ⁽³⁾ , (niżżel l-isem tar-reġjun) ⁽³⁾ , li huwa elenkat fl-Anness għad- Deċiżjoni 2004/438/KE, u li kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD) u mill-pesta tal-ifrat għal 12-il xahar immedjatament qabel l-esportazzjoni u ma pprattikax tilqim kontra l-pesta tal-ifrat matul dak il-perjodu;		
II.2.	saru minn ħalib mhux maħdum jew mill-kolostru li oriġina minn annimali li fiż-żmien tal-ħlib ma wrewx sinjali kliniċi ta' xi marda li tiġi trażmessa mill-ħalib jew mill-kolostru għall-bniedem jew għall-annimali, u li nżammu għal mill-inqas 30 jum qabel il-produzzjoni f' azjendi li ma kinux soġġetti għal restrizzjonijiet uffiċjali minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer (MLD) jew il-pesta tal-ifrat;		
II.3.	huma ħalib jew prodotti tal-ħalib li:		
(2) jew	[għaddew minn wieħed mit-trattamenti jew kombinazzjonijiet ta' trattamenti deskritti fil-punt II.4]		
(2) jew	[huma magħmulin mix-xorrox biex jagħifu annimali ta' speċi suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u d- dwiefer, u dan ix-xorrox ittiegħed minn ħalib li ġie soġġett għal wieħed mit-trattamenti deskritti fil- punt II.4 u		
(2) jew	[ix-xorrox inġabar mill-inqas 16-il siegħa wara li għaqad u għandu pH taħt is-6;]		
(2) (4) jew	[ix-xorrox ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]		
(2) (4) jew	[ix-xorrox ġie prodott fi ..././..., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal- vjaġġ, hija mill-inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l-kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal- Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]		
II.4.	ġew suġġetti għal wieħed mit-trattamenti li ġejjin:		
(2) jew	[Pastorizzazzjoni f' Temperatura Għolja ta' 72 °C u Għal Min Qasir ta' mill-inqas 15-il sekonda, jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li ġġib reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar, flimkien ma':		
(2) jew	[pastorizzazzjoni sussegwenti f' Temperatura Għolja ta' 72 °C u Għal Min Qasir ta' mill- inqas 15-il sekonda jew pastoriz- zazzjoni ekwivalenti li hija stess toħloq reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar;]		
(2) jew	[proċess ta' tnixxif sussegwenti li fil-każ ta' ħalib maħsub għall-għalf isir flimkien ma' tisħin addizzjonali sa 72°C jew oġġla;]		
(2) jew	[proċess sussegwenti li bih il-pH jitnaqqas u jinżamm għal mill-inqas siegħa f' livell taħt is- 6;]		
(2) (4) jew	[il-kundizzjoni li l-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil- baħar u li f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]		
(2) (4) jew	[il-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott fi ..././..., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it- tul imbassar tal-vjaġġ, hija mill- inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l-kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]		
(2) jew	[sterilizzazzjoni f' livell ta' mill-inqas F ₀ 3;]		
(2) jew	[Trattament f' Temperatura Għolja Ħafna ta' 132 °C għal mill-inqas sekonda waħda flimkien ma':		
(2) jew	[proċess ta' tnixxif sussegwenti li fil-każ ta' ħalib maħsub għall-għalf isir flimkien ma' tisħin addizzjonali għal 72 °C jew iktar;]		
(2) jew	[proċess sussegwenti li bih il-pH jitnaqqas u jinżamm għal mill-inqas siegħa f' livell taħt is- 6;]		
(2) (4) jew	[il-kundizzjoni li l-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil- baħar u li f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]		
(2) (4) jew	[il-ħalib/il-prodott tal-ħalib ġie prodott fi ..././..., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it- tul imbassar tal-vjaġġ, hija mill- inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l-kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea ;]		
II.5.	huma kolostru jew prodotti tal-kolostru ta' annimali bovini li ġie/ġew suġġetti għall-pastorizzazzjoni f' Temperatura Għolja ta' 72 °C u Għal Min Qasir ta' mill-inqas 15-il sekonda, jew pastorizzazzjoni ekwivalenti li ġġib reazzjoni negattiva għal test tal-phosphatase fil-ħalib tal-baqar, flimkien ma':		
(2) (4) jew	[il-kundizzjoni li l-kolostru/il-prodotti tal-kolostru ġie/ġew prodott/i mill-inqas 21 jum qabel il-ġarr bil-baħar u li f' dan il-perjodu ma nstab ebda każ tal-MLD fil-pajjiż esportatur;]		
(2) (4) jew	[il-kolostru/il-prodotti tal-kolostru ġie/ġew prodott/i fi ..././..., din id-data, minħabba li ġie kkunsidrat it-tul imbassar tal-vjaġġ, hija mill-inqas 21 jum qabel ma tkun ippreżentata l- kunsinna f' Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea;]		

Taqsimi II: Ċertifikazzjoni

PAJJIŻ

II-ħalib, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru u l- prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall- konsum mill-bniedem

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
u	ttieħdu minn annimali li kienu suġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex ikun żgurat li l- annimali ġejjin minn stabbilimenti fejn l- imrieħel bovini kollha huma:		
	(²) (⁴) <i>jew</i> [magħrufa li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi u mill-bruċellożi (⁵),]		
	(²) (⁴) <i>jew</i> [mhux ristretti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż terz ta' oriġini dwar l-eradikazzjoni tat- tuberkulożi u l-bruċellożi,]		
u	(²) (⁴) <i>jew</i> [magħrufin li huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina (⁵);]		
	(²) (⁴) <i>jew</i> [inklużi f' sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkożi enżootika bovina u li wara li jkun saru l-eżamijiet kliniċi u fil-labora- torju fuq il-merħla matul l-aħħar sentejn ma jkun hemm ebda sinjal ta' din il-marda;]		
II.6.	ittieħdet kull prekawzjoni biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħalib/prodott tal-ħalib/kolostru/prodott tal-kolostru wara l-ipproċessar;		
II.7.	il-ħalib/prodott tal-ħalib/kolostru/prodott tal-kolostru kien ippakkjat:		
	(²) <i>jew</i> [f' reċipjenti ġodda,]		
	(²) <i>jew</i> [f' vetturi jew f' kontejners li jgħorru bil-kwantità, diżinfettati qabel it-tagħbija bl-użu ta' prodott approvat mill-awtorità kompetenti,]		
u	il-kontenituri huma mmarkati biex jindikaw in-natura tal-ħalib/il-prodott tal-ħalib/il-kolostru/il-prodott tal-kolostru u għandhom tikketti fuqhom li jindikaw li l-prodott huwa materjal tal-Kategorija 3 u mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem.		
Noti			
Taqsimi I:			
— Kaxxa ta' referenza I.6: Il-persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu.			
— Kaxxa ta' referenza I.12: Id-destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott bażi ta' tranżitu.			
— Kaxxa ta' referenza I.15: Għandhom jingħataw in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejners jew trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). F' każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, min jibgħat għandu jgħarraf lill-Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea.			
— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana: 23.09.10, 23.09.90, 35.01, 35.02 jew 35.04.			
— Kaxxa ta' referenza I.23: Għal kontejners li jgħorru bil-kwantità, għandu jkun hemm inkluż in-numru tal- kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).			
— Kaxxi ta' referenza I.26 u I.27: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.			
— Kaxxa ta' referenza I.28: 'Impjant ta' manifattura': aġiti n-numru ta' reġistrazzjoni tat-ttrattament jew tal- istabbiliment tal-ipproċessar.			
Taqsimi II:			
(1) ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1.			
(2) H assar skont il-każ.			
(3) Għandha timtela jekk l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea hija ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.			
(4) Din il-kundizzjoni tapplika biss għal pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 'A' tal-Anness I għad- Deċiżjoni 2004/438/KE.			

PAJJIŻ**Il-ħalib, il-prodotti tal-ħalib, il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(⁵) Merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi u mill-bruċellożi kif stabbilit fil-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE; u merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina kif stabbilit fil-Kapitolu I tal-Anness D għad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE. — Il-firma u s-siġill għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar. — Nota għall-importatur: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jinżamm mal-kunsinna sakemm din tasal fil-Post ta' Spezzjoni tal-Fruntiera tal-Unjoni Ewropea. Il-veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kapitali): _____ Kwalifika u titlu: _____ Data: _____ Firma: _____ Timbru: _____		

(3) It-Taqsimi I tinbidel b'dan li ġej:

(a) It-Taqsimi I tinbidel b'dan li ġej:

"TAQSIMA I

Lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib, ta' kolostru u prodotti tal-kolostru (ċertifikat tas-saħħa, Kapitolu 2)

A. Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib:

Pajjiżi terzi elenkati li huma awtorizzati fi kwalunkwe waħda mill-kolonna tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE.

B. Il-kolostru u l-prodotti tal-kolostru:

Pajjiżi terzi elenkati li huma awtorizzati fil-kolonna 'A' tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/438/KE."

(b) It-Taqsimi XII hija ssostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA XII

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-apikultura (ċertifikat tas-saħħa Kapitolu 13)

Pajjiżi terzi elenkati fit-Taqsimi 1 tal-Anness II għad-Deċiżjoni (UE) Nru 206/2010, u dan il-pajjiż:

— '(CM) il-Kamerun' "